# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## ILLUM 26 TA' NOVEMBRU 2020

**Kawza Numru: 17**

**Rik. Gur. 1232/2019 RGM**

**Ayman Khalaf (K.I. 499095M)**

**vs.**

**1. Il-Prim Ministru ta' Malta;**

**2. Is-Segretarja Parlamentari Ghar-Riformi u Simplifikazzjoni Tal-Processi Amministrattivi**

**3. Il-Kap Ezekuttiv tal-Agenzija Identita` Malta**

**4. L-Agenzija Identita` Malta**

**5. L-Avukat Generali**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors ta' Ayman Khalaf** prezentat fis-26 ta' Dicembru, 2019 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-kawża:

1. Fil-15 ta' Frar 1995 l-attur u Josianne Farrugia żżewġu. Fl-24 ta' Frar 1995 huwa applika sabiex isir Ċittadin Malti u ġie reġistrat bħala ċittadin Malti b'seħħ mid-9 ta' Ġunju 1999;

2. Permezz tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza, qabel ma kif ġie emendat permezz tal-att numru IV tal-2000, l-istanti seta' jikseb iċ-Ċittadinanza Maltija eżatt kif jiżżewweġ.

3. Permezz tas-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2001 fl-ismijiet "Josianne Farrugia Mart Ayman Khalaf vs Ayman Khalaf" mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, Per l-Onorevoli Imħallef Noel Arrigo, ż-żwieġ surreferit ġie ddikjarat null u bla effett.

4. Fil-25 ta' Settembru 2002 l-attur reġa' żżewweġ u dan wara 'lli saqsa lill-Awtoritajiet ta' dak iż-żmien jekk iċ-ċittadinanza tiegħu kienetx se tiġi mittiefsa minħabba illi huwa kien ser jirrisjedi permanentement hawn Malta u kien biħsiebu jerġa jibni familja. L-awtoritajiet ta' dak iż-żmien ddikkjaraw illi l-attur ma kellu ebda ordni sabiex ċ-ċittadinanza tiegħu tiġi irtirata u għalhekk huwa pproċeda bil-pjanijiet tiegħu sabiex jiżżewweġ lil Fariza nee' Salha, illum Khalaf.

5. Fis-17 ta' Lulju 2009, ir-rikorrent talab kjarifika in kwantu għall-istatus ta' Martu hawn Malta mill-Awtoritajiet kompetenti ta' dak iż-żmien. B'komunikazzjoni offiċjali mis-Sinjura Nadia Cauchi mid-dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-*Expatriates* fi ħdan il-Ministeru tal-

Affarijiet barranin, hija infurmat lir-rikorrenti 'lli sa dak iż-żmien, martu kienet tgawdi *freedom of movement* ai termini tal-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

6. Minn dan it-tieni żwieġ twieldu erbat itfal, **Lana Khalaf** illi twieldet fit-tlieta u għoxrin ta' Mejju elfejn u tlieta (23.05.2003), **Reem Khalaf** illi twieldet fid- disgħa ta' April elfejn u ħamsa (09.04.2005), **Sadek Khalaf** illi twieled fil-ħdax ta' Lulju elfejn u sitta (11.07.2006) u **Hadi Khalaf** illi twieled fl-ewwel ta' Settembru elfejn u disgħa (01.09.2009).

7. Ġara umbagħad li fit-28 ta' Frar 2019, **iktar minn erbgħa u għxrin sena wara illi r-rikorrent ottjena iċ-ċittadinanza maltija tiegħu**, il-Kap tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Identita' Malta infurmat lir-rikorrent li ai termini tal-artikolu 14 (1) tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta, ingħata ordni sabiex hu jiġi pprivat miċ-Ċittadinanza tiegħu.

8. Ir-rikorrent ġie infurmat fl-ittra surreferita li ai termini tas-subartikolu 4 tal-artikolu 14 tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta huwa kellu dritt għal inkjesta kif stabbilit f'dak l-att qabel l-ordni għad-deprivazzjoni taċ-ċittadinanza jiġi eżegwit, u ġie avvżat li tali dritt kellu jiġi eżerċitat fi żmien 21 ġurnata min-notifika tal-istess ittra.

9. L-istanti oġġezzjona għal tali ordni fit-18 ta' Marzu 2019 u għamel talba għal inkjesta relattiva. Nonostanti tali oġġezzjoni l-intimati, jew minn minnhom, ma provdew l-ebda dokumentazzjoni 'lli fuqha qiegħda tiġi bbażata tali nkjesta.

10. Nonostante l-inadempjenza minn naħa tal-intimati, jew minn minnhom, ir-rikorrent ġie infurmat illi kienet ser tinżam seduta fit-8 ta' Novembru 2019 fil-Qrati ta' Malta l-Belt Valletta. Sa dan it-tant, għandu jerġa jiġi mtenni 'lli r-rikorrent ma kien għadu ngħata l-ebda dokumentazzjoni jew informazzjoni fejn jingħadlu bl-iswed fuq l-abjad,

abbażi ta' xix l-inkjesta kienet ser tinżam. Huwa kellu jipprepara fuq dak illi ssusspetta li kien il-każ.

11. Ir-rikorrent oġġezzjoni 'lli jagħmel it-trattazzjoni tiegħu qabel ma jingħata d-dettalji kolla 'lli fuqhom kienet qiegħda ssir l-inkjest. Id-dettalji tal-inkjesta baqgħu ma ngħatawx, u minkejja 'lli dan ġie a formal konjizzjoni tal-kumitat tal-inkjesta, il-kumitat tal-inkjesta talab lir-rikorrenti jagħmel dawk is-sottomissjonijiet illi jidhirlu 'lli huma xierqa.

12. Ir-rikorrent għamel kif kien mitlub, u malli beda jagħmel it-trattazzjoni 'lli dehrelu 'lli kienet xierqa, il-kumitat tal-inkjesta ssuktah u qallu 'lli filwaqt illi s-sottomisjonijiet huma tajbin u studjati, sfortunatament dak il-forum ma kienx il-forum approprjit il-għaliex, dak il-kumitat tal-inkjesta kien ristrett biss jiddeċiedi jekk abbażi tal-fatti 'lli għandu quddiemu, ċ-ċittadininaza tar-rikorrent kienetx waħda 'lli kienet ottenuta abbażi ta' dak iż-żwieġ jew le.

13. L-istanti għadu sa llum jassumi 'lli hija biss id-decide tal-14 ta' Diċembru 2001 fl-ismijiet "Josianne Farrugia Mart Ayman Khalaf vs Ayman Khalaf" mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u 'lli mhemmx affarijiet oħra.

**14. Il-kumitat tal-inkjesta la qatt ma kkomunika d-deċiżjoni tiegħu mar-rikorrent, la qatt ppronunzjat ir-raġunament, u lanqas qatt ma ġie kkomunikat lir-rikorrent jekk kienx hemm xi vot illi ttieħed f'dan ir-rigward u *se mai* jekk ittieħed dan il-vot, meta ttieħed u minn min ittieħed.**

15. Fit-22 ta' Novembru 2019, l-istanti kien bgħat ittra lis-Segretja Parlamentari għar-riformi, Ċittadinanza u Simiplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi: l-Onorevoli Julia Farrugia, fejn ġew kkommunikati lilha dawk il-kunsiderazzjonijiet illi kellhom jiġu kkunsidrati sabiex id-

deċiżjoni għall-irtirar taċ-ċittadinanza *o meno*, tkun waħda bbażata fuq il-profil intier tas-Sur Ayman Khalaf. L-istanti baqa' inadepjenti.

16. Fit-3 ta' Diċembru 2019 il-Kap tat-Taqsima taċ-Ċittadinanaza fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta, Dr Jessica Rita Galea, nfurmat lir-rikorrent permezz ta' ittra illi s-Segretja Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simiplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi **tgħat l-ordni sabiex jiġi deprivat miċ-Ċittadinanza u għalhekk iċ-ċittadinanza tiegħu tkun irtirata b'effett immedjat malli jirritorna ċ-ċertifikat relatati.**

17. Fis-6 ta' Diċembru 2019, ir-rikorrent intavola mandat t'inibizzjoni (nru 1696/2019) sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu ta' ċittadinanza sakemm ikun jista' jagħmel kawża adegwata f'dan ir-rigward.

18. **Fit-19 ta' Diċembru, 2019 ir-rikorrent ġie notifikat bir-risposta tal-Avukat Ġenerali għall-mandat ta' inibizzjoni (1696/2019/GM). Kienet propju f'din ir-risposta 'lli l-Avukat ġenerali skorrettement kiteb illi l-Kumitat tal-inkjesta għadda sabiex jiċħad it-talba tar-rikorrent. Dan, filwaqt illi ma jistax jiġi konfermat jekk huwiex minnu jew le, stante 'lli kif magħdud iktar il-fuq, ma ngħadda l-ebda pronunzjament lir-rikorrent, il-poter tal-kumitat tal-inkjesta jibda u jispiċċa sabiex jara jekk iċ-ċittadinanza kinetx mogħtija abbażi taż-żwieġ suċitat, u 'lli sussegwentement, ġie annullat mill-Qrati tagħna.**

19. Il-kumitat tal-inkjesta ma għandux id-deċiżjoni aħħarija u lanqas jikkunsidra l-profil intier tar-rikorrent. Il-Kumitat tal-inkjesta huwa biss ingaġġat sabiex is-Segretarja Parlamentari għar-riformi, Ċittadinanza u Simiplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi jkolla direzzjoni ta' minn fejn iċ-ċittadinanza ġiet prokurata u jekk xejn, ġietx prokurata bi frodi jew le.

20. Hekk kif inhu redatt fl-Att dwar iċ-Ċittadinanza, id-deċiżjoni aħħarija, fid-diskrezzjoni totali tagħha, hija fil-portafol tas- Segretarja Parlamentari għar-riformi, Ċittadinanza u Simiplifikazzjoni tal-Proċessi

Amministrattivi u għandha tieħu l-konsiderazzjonijiet kollha apparti dawk tal-kumitat tal-inkjesta, ikluż, l-interess pubbliku, u jekk ir-rikorrent isirx apolidu.

Raġunijiet tat-talba:

1. L-Aġenzija Identita' Malta naqset milli tagħti dawk id-dettaliji, dokumenti, u fatti meħtieġa sabiex ir-rikorrent ikun okuran tal-fatti kollha 'lli jesponuh għad-deprivazzjoni taċ-ċittadinanza.

2. Il-Kumitat tal-inkjesta qatt ma ippublika l-pronunzjament, jew, se mai jekk ta xi forma ta' pronunzjament, ma nagħtatx lir-rikorrent;

3. Il-liġi 'lli qiegħda tiġi applikata mhihiex waħda 'lli għanda tkun ikkonsidrata stante 'lli r-rikorrent kien ingħatat iċ-ċittadinanza fl-1995 u allura qabel l-emendi tal-ewwel ta' Frar, tas-sena 2000.

4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, *dato ma non concesso*, anka *se mai* kellha tapplika l-liġi tal-lum, kellhom jiġu kkunsidrati l-liġijiet transatorji mnaqxa fl-artikolu 27 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanaza u għalhekk jirriżulta 'lli l-ksib jew iż-żamma taċ-Ċittadinanza qabel ma saru l-emendi tal-Att tal-2000 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Malitja, ma għandhomx jintlaqtu **bl-ebda mod** mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att.

5. Id-deċiżjoni meħuda mill-kumitat tal-ikjesta u sussegwentement mis-Segretarja Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simiplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi kienet waħda 'lli tmur kontra l-liġi, riżultanti *ultra vires*, u għalhekk hija nulla invalida u mingħajr effett.

6. Il-liġi kif kienet redatta dak iż-żmien ma kienetx ħasbet għal-żwiġijiet ta' konvenjenza u l-emendi sopra indikati kienu intiżi propju sabiex jassiguraw illi tali żwieġijiet ma jibqgħux isiru. Qabel l-emendi tas-

sena għelfejn ma kien hemm ebda liġi 'lli tagħti l-jedd illi tiġi rtirata ċ-ċittadinanza abbażi 'lli ż-żwieġ kien wieħed ta' konvenjenza.

7. Infatti ma kien hemm ebda pronunzjament f'dik l-istess *decide* ta' annullament suċitata fejn intalbet ir-revoka taċ-ċittadinanza u/ jew il-komunikazzjoni lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin sabiex id-dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Expatriate Affairs jieħdu l-azzjonijiet neċessarji.

8. Il-fatt illi ċ-ċittadinanza ngħatat wara 'lli r-rikorrent kien iżżewweġ, fl-istess ċertifikat ma hemm ebda dikjarazzjoni għaliex dik iċ-ċittadinanza nagħtat. Għalhekk bl-istess kejl u argument sottoposti mill-intimati, iċ-ċittadinanza kienet *se mai* tingħata xorta waħda abbażi ta' naturallizzazzjoni hekk kif kien hawn Malta għal aktar minn ħames snin dak iż-żmien illi huwa ottjena ċ-ċittadinanza Maltija.

<u>Talbiet:</u>

**Jgħidu għalhekk l-intimati, 'il għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna**:

1. Tiddikjara 'lli d-deċiżjoni tal-kumitat tal-inkjesta u sussegwentement u/jew konsegwentement id-deċiżjoni tas-Segretarja Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simiplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi datata it-2 ta' Diċembru, 2019 (OPM/NAT 135/1995) huma lkoll nulli, invalidi, u mingħajr effett, u dan għar-raġunijiet provduti mill-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li bl-egħmil amministrattiv tal-intimati jew min minnom kisru d-dispożizzjoni tal-artikolu 39[2] tal-Kostituzjoni ta' Malta kif rifless fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u dana meta ġie vjolat u mhux rispettat prinċipju ta' dritt naturali billi r-rikorrenti

ma ngħatax smiegħ xieraq quddiem l-intimati jew min minnom għaliex ma ngħatax dettalji xierqa qabel is-smiegħ tal-kawża tiegħu, kif ukoll ma ġiex mogħti deċiżjoni bir-raġunijiet illi wasslu għal tali deċiżjoni l-eżitu finali tal-kumitat tal-inkjesta;

3. Tiddikjara konsegwentement, bl-istess mod nulla, invalida u mingħajr effett kull deċiżjoni konsegwenti, u/jew sussegwenti, *inter alia,* il-komunikazzjoni tat-3 ta' Diċembru, 2019, iffirmata mill-Kap tat-taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Identita' Malta u dan għall-istess raġunijiet provduti mill-artikolu 469A tal-kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Tiddikjara u tiddeċiedi 'lli b'konsegwenza ta' dan l-egħmil amministrattiv, ir-rikorrent sofra danni, u tikkonferma illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għad-danni, u l-ispejjeż l-oħra sofferti mir-rikorrenti kif fuq spjegat;

5. Tillikwida id-danni sofferti mir-rikorrent;

6. Tikkundanna lill-initmati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrent d-danni likwidati;

7. Tinibixxi definittivament lill-intimati milli jiddeprivaw lir-rikorrenti miċ-ċittadinanza tiegħu.

Bl-imgħax legali, u bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati, li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat **ir-Risposta guramentata tal-konvenuti l-Prim Ministru ta' Malta et.** prezentata fit-3 ta' Frar, 2020 fejn jinghad kif gej:

Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponent hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:

**<u>Eccezzjonijiet preliminari</u>**

1. Illi in linea preliminari l-esponenti jeċċepixxu n-nullità tar-rikors guramentat *stante* li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ ***ad validitatem*** a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-esponenti;

2. Illi l-esponenti l-Prim'Ministru ta' Malta u l-Avukat Generali mhumiex il-leġittimu kontradditturi għat-talbiet vantati mill-attur u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent qieghed jsejjes it-talbiet tieghu abbazi tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem dwar stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva u fl-istess nifs qieghed jallega illi l-agir tal-esponenti jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, specifikament dawk protetti mill-Ligi taht l-artikoli 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fid-dawl ta' dawn l-artikoli, ir-rikorrent qed jitlob illi tithassar l-agir surreferit. Konsegwentement:

a. It-talbiet tar-rikorrenti m'humiex proponibbli *stante* illi r-rikorrenti qatt ma jista' jintavola kawza ghall-stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva u fl-istess nifs jitlob illi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti gew lezi abbazi tal-artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea;

b. Certament din il-Qorti kif vestita fil-Gurisdizzjoni taghha Civili ghandha l-jedd semmai li tisma lanzjanza ta natura' dwar stharrig

gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva imma qatt ma tista' taqta u tiddeciedi illi xi drittijiet fundamentali ta' persuna gew lezi *stante* illi din il-funzjoni tispetta bil-ligi lil-Qrati li ghandhom funzjoni ta' natura Kostituzzjonali;

c. In kwantu l-proċeduri odjerni mhumiex proċeduri istitwiti a tenur tal-Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 (1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċiedi dwar ilmenti dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali;

d. Illi azzjoni ta' stharrig gudizzjarju skont l-Artikolu 469A ma tistghax issir abbazi ta' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali (ara sentenza fl-ismijiet "**Hall Christopher Vs Direttur Tad-Dipartiment Ghall-Akkomodazzjoni Socjali Et**" (Cit Nru 1/2003/1) deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Settembru 2009 kif wkoll "**Cini Charles Vs Il-Prim Ministru Et**" deciza fis-16 ta' Jannar 2018 mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili diversament preseduta);

4. Illi in linea preliminari l-esponenti jecepixxu illi fejn l-attur indika fil-lista ta' xhieda "*Xhieda ohra illi tista' tirrizulta necessarja matul il-perkors tas-smiegh tal-kawza"* dan mhux permissibli *stante* illi l-artikolu 156 (4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi "l-*attur għandu wkoll jagħti mad-*dikjarazzjoni ***l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib,*** *filwaqt li jiddikjara dwar kull wieħed minnhom x'fatti u xi prova bi ħsiebu jagħmel bix-xiehda tagħhom.";*

**Eccezzjonijiet fil-Mertu**

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fil-Ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Illi l-esponenti jeċepixxu illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mill-attur qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;

3. Illi l-esponenti jirrilevaw illi r-rikors guramentat in risposta jikkontjeni inkorettezzi u assunzzjonijiet zbaljati kemm legali kif wkoll fattwali. Ghaldaqstant l-esponenti ser jelenkaw il-fatti kif graw:

Illi fil-15 ta’ Frar 1995 l-attur u Josianne Farrugia zzewgu. Fl-24 ta’ Frar 1995 huwa applika sabiex jsir cittadin Malti u gie registrat bhala cittadin Malti b’sehh mid-9 ta’ Gunju 1999. Permezz tas-sentenza tal-14 ta’ Dicembru 2001 fl-ismijiet “**Josianne Farrugia Mart Ayman Khalaf vs Ayman Khalaf**” moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili z-zwieg surreferit gie ddikjarat null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (F) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta minhabba li l-kunsens ta’ Khala Ayman kien simulat u cioe' inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu. Dik il-Qorti kkunsidrat illi:

*“illi dan kien zwieg iehor ta' konvenjenza fejn il-konvenut izzewweg lill-attrici biss biex ikun jista' jakkwista c-cittadinanza Maltija.”*

Illi ghalhekk permezz tas-sentenza succitata gie deciz illi tali zwieg gie simulat mir-rikorrent u kien zwieg ta’ konvenjenza. Fit-28 ta’ Frar 2019 il-Kap tat-Taqsima tac-Cittadinanza fi Hdan l-Agenzija Identita’ Malta infurmat lir-rikorrent li ai termini ta’ l-artikolu 14 (1) tal-Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta’ Malta, inghatat ordni sabiex hu jigi privat mic-Cittadinanza tieghu *stante* li din giet akkwistata bi frodi. (Kopja tal-ittra tat-28 ta’ Frar 2019 hawn annessa u mmarkata bhala Dok ‘**CZ 1**’) Ir-rikorrent gie infurmat b’din l-ittra li ai termini tas-subartikolu 4 tal-artikolu 14 tal-Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa kellu dritt ghal inkjesta kif stabbilit f’dak l-att qabel l-ordni ghad-deprivazzjoni tac-cittidinanza jigi ezegwit u gie avvzat li tali dritt kellu jigi ezercitat fi zmien 21 gurnata min-notifika tal-istess ittra. Ir-rikorrent oggezzjona ghal tali ordni fit-18 ta’ Marzu 2019 u ghamel talba ghal inkjesta relattiva (kopja ta’ din l-oggezzjoni qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok ‘**CZ 2**’). Illi r-rikorrent gie infurmat illi kienet ser tinzamm seduta fit-8 ta’ Novembru

2019 fil-Qrati ta' Malta il-Belt Valletta kif fil-fatt gara. Ir-rapprezentanti tal-intimati infurmaw f'dik is-seduta illi d-decizjoni kienet qieghda tigi bbazata fuq is-sentenza tal-14 ta' Dicembru 2001 ismijiet "**Josianne Farrugia Mart Ayman Khalaf vs Ayman Khalaf**" moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Kumitat tal-Inkjesta informa lir-rikorrent illi l-istess intimati kienu qieghdin jistriehu fuq l-istess *decide*. Tajjeb li jerga jigi sottolinjat illi r-rikorrent talab l-inkjesta u mhux l-intimati kif qieghed jigi allegat.

Tajjeb li jinghad wkoll u jigi sottolinjat li l-Kumitat jaghti rakkomandazzjoni lill-Ministru kkoncernat u dan tal-ahhar jiddeciedi jekk jaghmilx l-istess rakomandazzjoni tieghu o meno.[1] M'hemm ebda artikolu fil-ligi vigenti illi torbot lill-Kumitat jaghti kopja tar-rakomandazzjoni tieghu lill-persuna li tkun talbet l-inkjesta u huwa wisq ovvju illi l-intimat Segretarju Parlamentari hija konsapevoli tar-rakomandazzjoni tal-Kumitat sabiex din tal-ahhar waslet ghad-decizjoni ahharija taghha.[2] Ghalhekk fit-3 ta' Dicembru 2019 Il-Kap tat-Taqsima tac-Cittadinanza fi Hdan l-Agenzija Identita' Malta Dr Jessica Rita Galea infurmat lir-rikorrent permezz tal-ittra li s-Segretarja Parlamentari ghar-Riformi u Simplifikazzjoni tal-Processi Amministrattivi kkonfermat l-ordni li r-rikorrent jigi deprivat mic-Cittadinanza Maltija b'effett immedjat *stante* illi din giet akkwistata bi frodi u li ghandu jirritorna d-dokumenti relattivi ossia c-certifikat tar-registrazzjoni bhala cittadin Malti. F'tali ittra giet annessa l-ordni ta deprivazzjoni tat-2 ta' Dicembru 2019 iffirmata mill-Onorevoli Julia Farrugia Portelli (kopja tal-ittra tal-ordni tat-2 ta'

---

[1] L-artikolu 8 (2) tal-Ligi sussidjarja 188.02 jistipula illi: "*It-Taqsima tal-Expatriates u n-Nazzjonalità ta' l-Ufficcju tal-Prim Ministru jkun ir-Rg[istru tal-Kumitat, u hemmhekk ghandhom jigu depozitati u mizmuma d-dokumenti tal-Kumitat, kif ukoll kull komunikazzjoni bil-miktub jew sottomissjoni li ghandhom jigu prezentati lis-Segretarju tal-Kumitat*"

[2] L-esponenti jaghmlu referenza ghad-decizjoni tal-Prim'Awla fis-sede Kostituzzjonali fis-sentenza tal-5 ta' April 2011 (Rikors Numru. 33/2006) fl-ismijiet "**Tarek Mohammed Ibrahim vs Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern u Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta' l-Expatriates**" fejn ikkunsidrat illi:

***"Jidher car li taht dawn l-artikoli ma jistax jinsab ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent anke jekk il-Ministru jaghzel li jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Inkjesta."***

Dicembru 2019 u tal-ittra tat-3 ta’ Dicembru 2019 qieghdin jigu annessi u mmarkati rispettivament bhala Dok ‘**CZ 3**’ u Dok ‘**CZ 4**’);

4. Illi l-esponenti jirrilevaw illi l-attur huwa ben akonoxxenza fuq liema bazi ttiehditlu c-Cittadinanza tieghu u dan ghaliex gie nnotifikat kemm bl-ittra tat-3 ta’ Dicembru 2019 kif wkoll bl-ordni ta’ privizazzjoni tat-2 ta’ Dicembru 2019. Illi *di piu’* fil-proceduri ta’ Mandat ta’ Inbizzjoni (1619/2019GM) (liema talba tal-attur giet michuda) l-intimati jew whud minnhom rrispondew u elenkaw fid-detall il-fatti kollha fir-rigward tal-privizazzjoni tac-Cittadinanza tar-rikorrent u ghalhekk m’huwiex minnu illi l-agenzija identita’ Malta naqset milli taghti d-dettalji relattivi;

5. Illi l-Kumitat tal-Inkjesta la huwa Tribunal, Bord jew Qorti fis-sens tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta *stante* l-privizazzjoni ta’ Cittadinanza ma tinkwadarax taht is-sfera civili imma tinkwadra taht is-sfera ta’ Dritt Pubbliku u dan kif gie enuncjat diversi drabi mill-Qrati Nostrana kif wkoll mill-Qorti Ewropeja fi Strasburgu. F’dan is-sens tali kumitat m’huwiex marbut bil-proceduri konvenzjonali kif qieghed jallega l-attur;[3]

Illi r-rikorrent jallega illi l-Kumitat ghandu kompetenza jara jekk ic-Cittadinanza inghatax permezz taz-zwieg bejn ir-rikorrent u Josianne Farrugia. L-esponenti jirrilevaw illi din hija assunzjoni zbaljata ohra tar-rikorrent *stante* illi fl-inkjesta l-Kumitat jaghmel rakomandazzjoni lill-Ministru kkoncernat sabiex jirrakomanda jekk ic-Cittadinanza tal-appellant ghandhiex tittiehed o meno. Il-Kumitat jaghmel analizi tar-raguni moghtija mill-intimat Segretarju Parlamentari li f’dan il-kas kienet ibbazata fuq il-fatt illi permezz tas-sentenza tal-14 ta’ Dicembru 2001 fl-ismijiet “**Josianne Farrugia Mart Ayman Khalaf vs Ayman Khalaf**” moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fejn z-zwieg surreferit gie

[3] Vide “**Fatiha Khallouf vs Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Avukat Generali**” (69/11) deciza fl-14 ta’ Marzu 2014 mill-Onorabbli Prim’awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) (kif ikkonfermata fl-appell fil-31 ta’ Ottubru 2014 mill-Qorti Kostituzzjonali) kif wkoll *is-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta’ Frar 2003 fil-kaz ta’ “**Mamatkulov u Abdurasulovic kontra t-Turkija**”*

ddikjarat null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (F) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba li l-kunsens ta' Khala Ayman kien simulat u cioe' inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu. Permezz tal-istess sentenza l-intimat Segretarju Parlamentari ddecidiet illi ai termini tal-artikolu 14 (1) tal-Kap. 188 tal-Ligijiet ta' Malta ic-Cittadinanza tal-attur kellha tigi rtirata minhabba li giet akkwistata bi frodi abbazi u cjoe abbazi taz-zwieg ta' konvenjenza hawn fuq spjegat. Il-Kumitat fis-seduta surreferita semgha it-tratazzjoni taz-zewg nahat u ghadda sabiex jaghmel ir-rakommandazzjoni tieghu fuq il-Privizazzjoni tac-Cittadinanza tal-attur u mhux ghamel inkjesta fuq il-fatt ikkontestabbli illi l-attur akkwista tali cittadinanza minhabba dak iz-zwieg li gie ssugwentament annullat;

6. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-Kumitat tal-Inkjesta m'huwiex marbut illi jaghti kopja tar-rakomandazzjoni lill-appellant u dan ai *stante* illi din hija biss rakomandazzjoni li ma torbotx la lis-Segretarju Parlamentari u lanqas lill-appellant. Is-Segretarju Parlamentari tista' taghzel li taghmel dik ir-rakomandazzjoni tal-Kumitat taghha o meno;[4]

7. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-Istat ta' Malta ghandu d-dritt illi jezercita' d-drittijiet tieghu fuq dritt pubbliku bhal m'hija l-privizazzjoni ta' Cittadinanza Maltija anki jekk il-persuna kkoncernata **ghal grazzja tal-argument** ssir apolidi. Dan id-dritt huwa carament espress fl-artikolu 7 tal-UNHCR Convention on the Reduction of Statelessness tal-1961[5];

---

[4] Vide sentenza fl-ismijiet "Ramadan Wahba Mabrouk Louay Vs L-Onorevoli Vici Prim Ministru U Ministru Ghall-Gustizzja U l-Intern" deciza fit-12 ta' Lulju 2011 mill-Onorabbli Prim Awla diversament preseduta:
*".... Eppure din il-Qorti tghid li s-setghat li nghata l-Kumitat ta` Inkjesta bis-sahha tal-Avviz Legali 40 tal-1991 ma jaghmluhx Qorti, Tribunal jew Awtorita` Ohra Gudikanti ladarba dak li jasal ghalih ilKumitat huwa fl-ahhar mill-ahhar parir lill-Ministru li ghandu r-responsabilita` tad-decizjoni finali."*

[5] ***Article 8 UNCHR 1961 Convention on the reduction of Statelessness.***

*1. A Contracting State shall not deprive a person of its nationality if such deprivation would render him stateless. 2.* ***Notwithstanding the provisions of paragraph 1 of this Article, a person may be deprived of the nationality of a Contracting State:***

*(a) in the circumstances in which, under paragraphs 4 and 5 of Article 7, it is permissible that a person should lose his nationality;*

***(b) where the nationality has been obtained by misrepresentation or fraud."***

8. Illi l-esponenti jecepixxu li fir-rigward tal-Ligi li kienet in vigore fl-1999 u li l-Ligi applikata fl-ordni tat-2 ta' Dicembru 2019 ghac-cittadinanza moghtija fis-sena 1999 ossia l-artikolu 14 tal-Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrilevaw illi l-artikolu 27 (1) u (2) tal-istess Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta m'ghandux jigi interpretat fis-sens illi inbiddlu xi disposizzjonijiet jew gew affettwati disposizzjonijiet fir-rigward ta' privizazzjoni ta' Cittadinanza. Infatti anki minn analizi *prima facie* tal-Att numru IV tal-2000 dan ma jaghmilx referenza ghal ebda tibdil fis-sezzjoni ta' privizazzjoni tac-Cittadinanza. Tajjeb li jigi spjegat illi d-disposizzjonijiet dwar il-privizazzjoni ta' cittadinanza ilhom jezistu minn meta l-att dwar ic-Cittadinanza gie promulgat fl-1965. Ghalhekk dan l-ilment jisfa bhala wiehed zbaljat[6];

9. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-esponent Segretarju Parlamentari kienet korretta meta harget l-ordni tat-2 ta' Dicembru 2019 fil-konfront tal-attur. Gialadarba s-sentenza tal-14 ta' Dicembru 2001 fl-ismijiet "**Farrugia Josianne Mart Ayman Khalaf Vs Khalaf Ayman" (Citaz. numru: 2037/00)** li ghaddiet in gudikat iddeciediet b'mod car illi z-zwieg tieghu kellu jigi ddikjarat null ai termini tal-artikolu 19 (1) F tal-Kap 255 (ossia simulazzjoni u zwieg ta' konvenjenza) u li c-Cittadinanza Maltija tieghu giet akkwistata b' konsegwenza ta tali zwieg, allura m'ebda dubju illi c-Cittadinanza giet akkwistata bi frodi u bil-Ligi huwa kellu jigi zvestit minn dak il-privilegg illi s-Stat Malti kien ikkoncedilu. Ghalhekk l-

[6] Qabel l-emenda tal-10 ta' Frar 2000 tal-Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar ic-Cittadinanza), id-disposizzjonijiet li jirrigwardaw regolamenti li jaffetwaw kwistjonijiet ta' cittadinanza, apparti milll-istess att, kienu regolati mill-Kapitolu 3 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Infatti tali disposizzjonijiet li kienu jirregolaw registrazzjoni ta' konjugi ta' cittadini Maltin kienu inkluzi biss fil-Kostituzzjoni. Aktar min hekk, il-kuncett li *dual nationality fil-ligijiet Maltin ma jibqax l-eccezzjoni izda jkun ir-regola* gie introdotta b'tali emendi u ghalhekk ir-referenza ghal retenzjoni tac-cittadinanza Maltija giet rilevanti u milquta l-aktar b'tali emendi. Ir-referenza ghal *acquisition* jew *retention* kienet maghmula biex jigi kjarifikat il-kuntest surreferit. Mill-band l-ohra d-disposizzjonijiet ta' privizazzjoni ta' cittadinanza kienu diga jinstabu fl-att dwar ic-Cittadinanza promulgat fl-1965 u ma inbidlux. Ghalhekk l-artikolu 27 tal-Kap. 188 jirregola BISS cirkostanzi dwar *omission* jew *commission* wara li l-*acquisition* jew *retention* tac-Cittadinanza kif regolata bi kwalunkwe artiklu tal-att qabel ma saru tali emendi. F'dan is-sensir-regolamenti dwar privizazzjoni ma gewx milquta, u jaqghu barra mill-ambitu ta' tali *transitory provisions.*

esponenti jiskantaw kif l-attur qieghed jallega illi d-decizjoni tal-esponenti "*tmur kontra l-Ligi, rizultanti ultra vires u hija nulla invalida u minghajr effett*";

10. Illi l-esponenti jecepixxu illi c-Cittadinanza tal-attur giet rtirata ai termini tal-artikolu 14 (1) tal-Kap. 18 tal-Ligijiet ta' Malta li titkellem dwar qerq. Il-fatti rizultanti mill-annulament u cjoe mid-decizjoni tal-14 ta' Dicembru 2001 fl-ismijiet "**Farrugia Josianne Mart Ayman Khalaf Vs Khalaf Ayman" (Citaz. numru: 2037/00)** huma cari u juru illi l-attur dahal f'dak iz-zwieg sabiex jakkwista ic-Cittadinanza Maltija. Il-Qrati Nostrana diga kellhom l-opportunita' li jippronunzjaw ruhhom f'dan ir-rigward. Per ezempju il-Prim'awla fis-sede Kostituzzjonali taghha fis-26 ta' Gunju, 2015 (Citazzjoni Numru. 33/2006/1) fis-sentenza "**Tarek Mohamed Ibrahim Vs Vici Prim'Ministru u Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern u Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta' l-Expatriates"** fil-fatt kkunsidrat illi:

*"Meta r-rikorrent applika ghac-cittadinanza Maltija l-ligi kienet cara li f'kaz ta' qerq tista' titnehha."*

*"Skond Artikolu 7 tal-European Convention on Nationality, wahda mic-cirkostanzi fejn Stat jista' jnehhi nationality ta' persuna hu fejn l-akkwist kien b'rizultat ta' 'fraudulent conduct'. Nationality hi definita bhala "legal bond between a person and a State and does not indicate the person's ethnic origin".*

***Ghalhekk ghandu jirrizulta car kristallin li jezisti l-element tal-qerq li huwa wiehed mic-cirkostanzi li fuqhom l-intimat seta' legalment johrog ordni ta' privazzjoni mic-cittadinanza ai termini tal-Art. 14 [1] tal-Kap. 188, u f'dan is- sens m'ghandux ikun hemm dubju li linterferenza tal-Istat, konsistenti fil-hrug tal-ordni tal-privazzjoni mic-cittadinanza fil-konfront tar-rikorrenti, ma kienitx wahda arbitrarja, kif sostnut minnha, izda kienet wahda legittima fit-termini tal-artikolu precitat.***

*Il-Qorti Kostituzzjonali ghamlitha cara li d-dritt tac-cittadinanza m'huwiex wiehed mid-drittijiet sostantivi tal-Konvenzjoni."*

11. Illi l-esponenti jecepixxu illi fis-sentenza tal-14 ta' Dicembru 2001 fl-ismijiet "**Farrugia Josianne Mart Ayman Khalaf Vs Khalaf Ayman" (Citaz. numru: 2037/00)**, dik il-Qorti ma kellha ebda obbligu la legali u lanqas ta' prassi, illi taghmel ordni jew tissollecita lill-Minsitru tal-Affarijiet Barranin u/jew id-Dipartiment tac-Cittadinanza sabiex il-persuna ikkoncernata tigi deprivata mic-Cittadinanza. Tali dritt huwa dritt pubbliku li huwa prerogattiva tal-Istat u mhux tal-Qrati Nostrani li wara kollox qatt ma jarrogaw il-poteri decizjonali tal-awtoritajiet amministrattivi;

12. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-assunzjoni tar-rikorrent illi huwa kien xorta wahda jinghata Cittadinanza permezz ta' naturalizazzjoni *stante* illi huwa kien jirrisjedi f'Malta ghal aktar minn hames snin hija zbaljata. Il-Kap 188 tal-Ligijiet jipprovdi illi persuna li tkun ilha hames snin ordinarjament residenti f'Malta ghandha dritt tapplika ghal tali Cittadinanza. Minkejja dan, din dejjem tibqa ghad-diskrezzjoni tal-Ministru kkoncernat skont l-Kap. 188 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jikkoncedi tali cittadinanza o meno u m'huwiex dritt sacrosanct tal-attur;

13. Illi tenut kont is-suespost l-esponenti jecepixxu illi l-ghemil amministrattiv imfisser fir-rikors guramentat in risposta u f'din ir-risposta (ordni tat-2 ta' Dicembru 2019 u ittra tat-3 ta' Dicembru 2019) m'ghandhux jigi ddikjarat invalidu ai termini tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

14. Illi fir-rigward tat-talba ghal lezjoni tal-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, jekk ghal grazzja tal-argument dina l-Onorabbli Qorti xorta wahda taghmel dan l-esercizzju *dato ma non concesso* l-eccezzjoni preliminari numru 3 f'din ir-

risposta guramentata, l-esponenti jecepixxu illi m'hemm ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta *stante* illi l-Kumitat tal-Inkjesta mahtur ai termini tal-artikoli 14 (4) u (5) tal-Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta m'huwiex marbut bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan ghaliex l-ghoti ta' Cittadinanza Maltija m'hijiex dritt Civili imma semmai taqa taht l-isfera tad-dritt pubbliku. Dan jfisser illi tali proceduri quddiem l-Kumitat tal-Inkjesta m'humiex suggetti ghall-import tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[7];

15. Illi fi kwalunkwe każ u strettament bla preġudizzju għas-suespost l -esponenti jeċepixxu illi ċertament li l-esponent ma agixxewx in *mala fede* jew b'mod mhux raġjonevoli u għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 469A (5) l-esponenti ma jwiegbu għall-ebda danni;

16. Illi in kwantu illi l-attur qieghed jitlob bhala rimedju li "*tinibixxi definittivament lill-intimati milli jiddeprivaw lir-rikorrenti mic-Cittadinanza tieghu*", l-esponenti jeċepixxu illi din il-Qorti ma tistghax tagħti tali rimedju u dan peress illi f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju il-Qorti hija prekluża milli tieħu deċiżjoni minflok l-Awtoritajiet kompetenti iżda s-setgħa tagħha hija limitata biex jekk ikun il-każ tordna li tħassar id-deċiżjoni in kwistjoni u tibgħat kollox biex jerġa jiġi deċiż mill-ġdid mill-awtoritajiet kompetenti, f'dan il-każ Segretarja Parlamentari ghar-Riformi u simplifikazzjoni tal-Processi Amministrattivi biex hija taghti d-decizjoni taghha fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha rilevanti;

Rat il-verbal tal-10 ta' Marzu 2020 fejn il-Qorti dderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti;

---

[7] Vide **Fatiha Khallouf vs Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Avukat Generali"** (69/11) deciza fl-14 ta' Marzu 2014 mill-Onorabbli Prim'awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) (kif ikkonfermata fl-appell fil-31 ta' Ottubru 2014 mill-Qorti Kostituzzjonali) u is-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Frar 2003 fil-kaz ta' *"**Mamatkulov u Abdurasulovic kontra t-Turkija**"*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici ipprezentata fl-10 ta' Gunju 2020[8], in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti pprezentata fl-24 ta' Gunju 2020[9] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici bhala replika pprezentata fit-22 ta' Lulju 2020[10];

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti ghad-29 ta' Ottubru 2020;

Rat ir-rikors tal-attur tal-21 ta' Ottubru 2020 li permezz tieghu talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ghar-raguni illi skond l-attur ma gietx ipprezentata dikjarazzjoni guramentata mar-risposta guramentata tal-konvenuti;

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru 2020 l-Qorti, wara li semghat lill-Avukati tal-partijiet issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u halliet is-smiegh ghall-11 ta' Novembru 2020 sabiex jigi trattat il-mertu tar-rikors tal-21 ta' Ottubru 2020 prezentat mill-attur;

Semghat lill-Avukati tal-partijiet jitrattaw ir-rikors imsemmi tal-21 ta' Ottubru 2020 fl-udjenza tal-11 ta' Novembru 2020 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar ir-rikors imsemmi kif ukoll, jekk ikun il-kaz, ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti;

Rat l-atti;

Ikkunsidrat;

**Ir-Risposta Guramentata**.

---

8 Pagna 75 tal-process.
9 Pagna 79 tal-process.
10 Pagna 90 tal-process.

Permezz tar-rikors tieghu prezentat fil-21 ta' Ottubru 2020 l-attur qed jitlob li l-Qorti tiddikjara li r-risposta guramentata tal-konvenuti hija irritwali peress li jsostni li tali risposta guramentata ma hiex akkumpanjata minn dikjarazzjoni guramentata;

Ikkonsidrat;

Ir-risposta guramentata tal-konvenuti hija riprodotta in toto aktar 'il fuq. Hija risposta imqassma l-ewwel f'eccezzjonijiet preliminari segwiti minn eccezzjonijiet fil-mertu. Fil-parti introduttorja taghha r-risposta guramentata taqra' kif gej:

"Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu Anton Sevasta bhala Kap Ezekuttiv tal-Agenzija Identity Malta (K.I. [...] jiddikjara li jaf personalment is-segwenti:....."

Isegwu imbaghad l-eccezzjonijiet preliminari kif ukoll l-eccezzjonijiet fil-mertu. Fl-eccezzjonijiet fil-mertu Anton Sevasta jirrakkonta diversi episodji rilevanti ghall-mertu tal-kawza mill-15 ta' Frar 1995, id-data taz-zwieg tal-attur ma' Josianne Farrugia, 'il quddiem. B'mod partikolari fil-paragrafu numru 3 et sequitur taht it-titolu Eccezzjonijiet fil-Mertu hemm rezokont dettaljat tal-fatti kif jafhom personalment il-Kap Ezekuttiv tal-Agenzija Identity Malta u li allura gew guramentati mill-istess Kap Ezekuttiv.

Ikkonsidrat;

X'ghandu jkun fiha r-risposta guramenta huwa regolat bl-**Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 t**al-Ligijiet ta' Malta:

"(1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika,kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.

(3) ...................għandu jippreżenta risposta ġuramentata li jkun fiha -

(a) dawk l-eċċezzjonijiet li jitqiesu rinunzjati jekk ma jinġibux fil-bidu tad-difiża;

(b) stqarrija ċara u korretta tal-eċċezzjonijiet fuq il-meriti tat-talba jew tat-talbiet mingħajr riferenza għal awtoritajiet;

(ċ) il-konvenut, jew wieħed mill-konvenuti jekk ikun hemm aktar minn wieħed, għandu wkoll jiddikjara bil-ġurament fir-risposta ġuramentata b'paragrafi numerati, il-fatti kollha dwar it-talba, fejn jiċħad, jammetti jew jispjega ċ-ċirkostanzi tal-fatti murija fid-dikjarazzjoni tal-attur, filwaqt li jiddikjara liema fatti huwa jaf bihom personalment.

(4) Ir-risposta ġuramentata għandha tiġi konfermata bil-ġurament quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissjunarju b'setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament.

[....]

(5) Ir-reġistratur ma għandu jirċievi ebda risposta ġuramentata li magħha ma jkunx hemm dak li huwa elenkat fis-subartikolu (3)................"

L-attur qed isostni illi r-risposta guramentata hija nulla ghaliex iqis li ma hiex akkumpanjata minn dikjarazzjoni guramentata.

Dwar l-eccezzjoni tan-nullita' tal-atti gudizzjarji ssir referenza ghall-**Artikolu 789 tal-Kap. 12** li jipprovdi kif gej:-

(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista'tingħata -

(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;

(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;

(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;

(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:

Iżda dik l-eċċezzjoni ta’ nullità kif maħsuba fil-paragrafi(a), (ċ), u (d) ma tkunx tista’ tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.

(2) L-eċċezzjoni ta’ nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew,għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara,mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità."

Ikkonsidrat;

L-attur isostni li r-risposta guramentata prezentata mill-konvenuti hija nieqsa minn dikjarazzjoni guramentata. Matul it-trattazzjoni orali dwar ir-rikors tal-21 ta' Ottubru 2020 l-attur issottometta illi id-dikjarazzjoni guramentata kellha tkun separata mill-eccezzjonijiet preliminari u mill-eccezzjonijiet fil-mertu. Ezaminata r-risposta guramentata [11] il-Qorti ssib illi huwa minnu li l-konvenuti ma ghamlux distinzjoni bejn l-eccezzjonijiet fil-mertu u d-dikjarazzjoni guramentata tant illi l-eccezzjonijiet fil-mertu u d-dikjarazzjonijiet dwar il-fatti huma mressqa flimkien minghajr wisq distinzjoni bejn jekk paragrafu hux eccezzjoni formali jew rakkont tal-fatti. Jehtieg pero li jigi deliberat jekk dan iwassalx ghan-nullita' tar-risposta guramentata.

Meta si tratta ta' eccezzjoni ta' nullita' ta' atti gudizzjarji jehtieg li ssir distinzjoni bejn nullita` assoluta ta’ att gudizzjarju, u dik relattiva. Kif inghad fil-kawza "***Rita Nicolosi vs. L.E.P.T Enterprises Limited***, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili 25 ta’ Mejju 2010, konfermata fl-Appell 31 ta’ Jannar 2014":-

> “F’tal-ewwel, il-Qorti għandha dmir li tigbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu provvediment ukoll *ex ufficio*, imma mhux hekk il-każ f’tat-tieni. Minbarra dan, biex att gudizzjarju jigi dikjarat null

[11] Pagna 16 tal-process

> u jitwaqqaf il-kors tiegħu, "jeħtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti pregudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-legislazzjoni u l-gurisprudenza patrija ilhom progressivament jirrifuggu mill-formaliżmu eccessiv, fonti ta' litigji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purke' ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-ligi."

Ghall-finijiet tan-nullita` kontemplata fis-subinciz (d) tal-Artikolu 789(1), jigi osservat li l-ligi titkellem dwar "*partikolarita` essenzjali*" u mhux partikolarita` kwalsiasi. Kif jirrizulta mill-iskorta tal-gurisprudenza iktar recenti tal-qrati taghna, il-formalizmu rigoruz tal-passat fil-proceduri gudizzjarji gie temperat l-iktar bl-uzu ta' diskrezzjoni iktar ampja mill-gudikant fit-tiswija tal-atti gudizzjarji. Gie wkoll ritenut fil-kawza ***Diane Vella et vs Medserv Operations Limited*** – [P. A.,deciza 31 ta' Ottubru 2008] in materja ta' nullita` taht is-subinciz (d) tal-Artikolu 789(1), illi biex partikolarita` f'att gudizzjarju titqies bhala "essenzjali", jehtieg li jintwera li n-nuqqas taghha f'dak l-att:-

> "… ixekkel serjament u irrimedjabbilment xi wiehed jew aktar mill-ghanijiet legittimi tar-regoli procedurali li l-kawżi jimxu b'heffa, efficjenza, ekonomija u harsien tal-jeddijiet u tad-difiza u tal-principji tal-gustizzja naturali".

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti tissottoskrivi ghall-insenjament li att gudizzjarju m'ghandux jithassar jekk mhux necessarjment mehtieg li jsir hekk u dan in omagg ghall-principju li l-atti gudizzjarji safejn jista' jkun, ma jithassrux, bil-ghan li l-kwistjonijiet sostantivi ma jingiebux fix-xejn fuq konsiderazzjoni ta' formalita`, *multo magis* meta d-difett jew vjolazzjoni

jistghu jissewwew minghajr ma jsir hsara lil xi principju tal-gustizzja naturali u dment li ma jigix arrekat pregudizzju sostantiv lill-kontro-parti.

Din il-konsiderazzjoni hija msahha ulterjorment bil-kliem tal-ligi stess fil-proviso tal-istess Artikolu 789(1), li jipprovdi ghat-tiswija tal-vjolazzjoni jew nuqqas "*taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi*".

Fil-fehma tal-Qorti meta wiehed jaqra ir-risposta guramentata fl-intier taghha huwa evidenti liema huma l-eccezzjonijiet formali u liema huma dikjarazzjoni ta' fatt. Tqis illi r-risposta guramentata tal-konvenuti tikkontjeni dikjarazzjoni guramentata dwar il-fatti kif jafuhom il-konvenuti.

Anke jekk wiehed kellu jikkonsidra li r-risposta guramentata hija milquta minn nuqqas; ma jirrizultax li tali nuqqas gab xi pregudizzju lill-attur tant li l-istess attur jiddikjara illi kien biss fl-ahhar jiem qabel is-seduta intiza ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari illi huwa intebah li r-risposta guramentata kien fiha in-nuqqas minnu eccepiet. Fiha nnifisha din gia' turi illi l-attur assolutament ma sofra l-ebda pregudizzju ghall-mod kif giet redatta ir-risposta guramentata in dizamina. Kieku n-nuqqas lamentat mill-attur kien fondat ai termini tal-artikolu 789 (1) (a) (c) jew (d) allura tali nuqqas, li evidentement ma gab l-ebda pregudizzju lill-attur, kien jissewwa bl-opportun awtorizzazzjoni ghal emenda fl-att jew addirittura sostituzzjoni. Fir-rigward ta' nuqqas li jaqa' fit-termini tal-Artikolu 789 (1) (c) l-attur huwa prekluz milli jissolleva l-eccezzjoni tan-nullita' ta' atti gudizzjarju in kwantu wara li giet prezentata r-risposta guramentata baqghu isiru atti minghajr ma l-attur qajjem l-eccezzjoni indizamina; fosthom: l-attur ipprezenta provi dokumentarji [12]; ipprezenta affidavit tieghu[13]; ipprezenta nota' ta' sottomissjonijiet[14]; ipprezentaw nota' ta' sottomissjonijiet il-konvenuti[15]; huwa rega' l-attur ipprezenta nota

[12] Ara nota ta' dokumenti f'pagna 34 tal-process

[13] Pagna 53 tal-process.

[14] Pagna 75 tal-process.

[15] Pagna 79 tal-process.

ta' sottomissjonijiet ohra b'replika ghal dik tal-konvenuti. Sussegwentement il-kawza kienet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti minghajr ma l-attur ressaq ebda ilment dwar l-irritwalita' tar-risposta guramentata..

Il-Qorti ghalhekk tqis illi l-eccezzjoni ta' nullita' tar-risposta guramentata sollevata mill-attur ma hiex fondata u qed tigi respinta.

**Fatti Antecedenti l-Kawza**.

Fis-sena 1992, l-attur Khalef kien wasal Malta mis-Sirja u dan wara li kien bahhar mil-Libja. Hekk kif wasal Malta huwa applika ghal istatus ta' refuġjat sabiex ikollu l-protezzjoni Maltija. Fil-15 ta' Marzu 1995 huwa zzewweg lil Josianne Farrugia u wara li applika sabiex isir ċittadin Malti, fid-9 ta' Gunju 1995 gie iccertifikat bhala cittadin Malti. Mill-atti jirrizulta li z-zwieg bejn l-attur u Josianne Farrugia ma rnexxiex u z-zwieg gie annullat b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Dicembru 2001 fl-ismijiet **Josianne Farrugia vs Ayman Khalaf** (Cit Nru 2037/2000). Fl-imsemmija sentenza l-Qorti osservat li :-

> "minkejja illi l-provi mressqa ma humiex voluminuzi, huma suffiċjenti biex iwasslu lill-Qorti ghal konklużjoni wahda u cara u cioe illi dan kien żwieġ iehor ta' konvenjenza fejn il-konvenut izzewweg lill-attrici biss biex ikun jista' jakkwista c-cittadinanza Maltija. [...] Fil-kunsens intern tieghu mfatti huwa aktar minn probabbli illi huwa eskluda b'mod posittiv iz-zwieg innifsu peress illi l-intenzjoni tieghu ma kenitx principalment iz-zwieg izda r-ragunijiet ta' konvenjenza fuq moghtija."[16]

Wara li z-zwieg gie annullat, huwa kien irritorna s-Sirja u meta kien hemm huwa ltaqa ma' Fariza Salha u wara tlett xhur izzewwgu fis-Sirja. Irritorna

[16] Pagna 31b tal-process.

Malta flimkien mal-mara tieghu. Minn dan iz-zwieg twieldu erbat it-tfal li kollha twieldu Malta l-ewwel tarbija twieldet fit-23 ta' Mejju 2003.

L-attur ircieva ittra minn Identity Malta (Citizenship) datata 28 ta' Frar 2019, fejn gie informat li "*an Order is due to be made in terms of sub-article (1) of Article 14 of the Maltese Citizenship Act (Cap 188) to deprive you of your Maltese Citizenship which appears to have been obtained by fraud*."[17] In segwitu ghal din l-ittra, fit-18 ta' Marzu 2019 huwa talab li ssir inkjesta fuq din l-ordni. Il-Kumitat tal-Inkjesta informa lil Ayman Khalef li kienet ser tinzamm seduta fit-8 ta' Novembru 2019. B'ittra datata 3 ta' Dicembru 2019 l-attur gie informat li s-Segretarju Parlamentari ghar-Riformi u Simplifikazzjoni tal-Processi Amministrattivi "*being satisfied that the said registration* [b'referenza ghar-registrazzjoni ghal ċittadinanza Maltija tal-1995] *was obtained by means of fraud, has issued an Order in terms of sub-article (1) of Article 14 of the Maltese Citizenship Act*"[18] u flimkien ma' din l-ittra giet annessa kopja tal-ordni iffirmata mill-istess Segretarju Parlamentari datata 2 ta' Dicembru 2019.

Fis-6 ta' Dicembru 2019 l-attur ipprezenta Mandat t'Inibizzjoni li jgib in-numru 1696/2019 GM fl-ismijiet **Ayman Khalad vs. Segretarja Parlamentari Ghar-Riformi Cittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Processi Amministrattivi et**. Fid-digriet moghti fil-31 ta' Dicembru 2019, il-Qorti diversament preseduta idegretat li "l-egħmil suġġett tat-talba tar-rikors diġa` twettaq" u li "r-rikorrent ma wera l-ebda jedd prima facie li għandu xi jħares" u kien ghalhekk li ghaddiet sabiex cahdet it-talba kif dedotta fir-rikors.

Wara l-Ordni tas-Segretarju Parlamenti, fis-26 ta' Dicembru 2019 l-attur ipprezenta l-azzjoni odjerna fejn permezz taghha qieghed jikkontesta d-decizjoni tal-kumitat tal-inkjesta u d-decizjoni tas-Segretarju Parlamentari su-indikat u jitlob lil din il-Qorti tiddikjarahom nulli, invalidi u minghajr

[17] Pagna 26 tal-process.
[18] Pagna 29 tal-process.

effett u dan ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12. Qieghed jillamenta wkoll li d-decizjoni amministrattiva llediet d-dritt fundamentali tieghu sancit taht l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

Min-naha taghhom il-konvenuti ssollevaw numru ta' eccezzjonijiet izda din il-Qorti sejra tillimita din is-sentenza fir-rigward tal-ewwel zewg eccezzjonijiet u cioe (a) il-htiega ta' ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 460 (1) tal-Kapitolu 12 qabel tigi intavolata azzjoni kontra l-Gvern, u (b) li l-Avukat Generali (illum Avukat tal-Istat[19]) u l-Prim'Ministru m'humiex legittimi kontradittturi ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12.

Ikkunsidrat;

### a. Artikolu 460 tal-Kapitolu 12

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jissottometti illi l-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 huwa inapplikabbli ghal zewg ragunijiet (a) galadarba kien hemm Mandat t'Inibizzjoni qabel giet intavolata din l-azzjoni allura ma kien hemm l-ebda htiega li tintbaghat ittra ufficcjali; (b) li l-Artikolu 460 (1) ma japplikax ghal azzjonijiet li ghandhom jinstemghu b'urgenza, u (c) l-Artikolu 460 ma japplikax ghall-proceduri taht l-Artikolu 469A. Il-konvenuti min-naha taghhom jissottomettu illi (a) l-mandat t'inibizzjoni m'hijiex il-forma preskritta fil-ligi sabiex issir id-debita interpellazzjoni, apparti l-fatt ukoll li t-talbiet tal-mandat huma ferm differenti minn dawk li saru f'din l-azzjoni u dan proprju minhabba n-natura tal-atti, u (b) l-Artikolu 460 huwa applikabbli f'azzjonijiet taht l-Artikolu 469A[20].

---

[19] Bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tal-Att tal-2019 dwar l-Avukat tal-Istat (Kap 603) (ara A.L. 329/19)

[20] Saret referenza ghas-segwenti gurisprudenza mill-konvenuti taht din is-sezzjoni: **Emanuel Bugeja vs. Mary Rose Bugeja et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 2003, **Domenico Savio Spiteri vs. Chairman ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar 2004 u **P.T. Matic Environment Services Ltd vs. Id-Direttur tal-Kuntratti et** deciza mill-Prim'Awla, Qorti Civili fl-14 ta' Marzu 2018.

**Artikolu 460 tal-Kapitolu 12** jipprovdi hekk:

> 460. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar.
>
> (2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx –
>
> (a) għal azzjonijiet għal rimedju taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; jew
>
> (b) għal mandati ta' inibizzjoni; jew
>
> (ċ) għal azzjonijiet għall-korrezzjoni ta' atti tal-istat ċivili; jew
>
> (d) għal azzjonijiet li għandhom jinstemgħu bl-urġenza;
>
> (e) għal riferenzi ta' tilwimiet għall-arbitraġġ,
>
> u meta skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'għandhomx japplikaw u l-imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom.

Huwa car ghalhekk illi sabiex tigi istitwita procedura gudizzjarja kontra l-Gvern, jehtieg li l-ewwel u qabel kollox tigi pprezentata ittra ufficcjali jew protest, u huwa biss wara li jghaddu ghaxart ijiem mill-prezentata tal-imsemmija att li wiehed jista' jmexxi proceduri kontra l-Gvern. Ghal din ir-regola hemm hames eccezzjonijiet. M'huwiex ikkontesta mill-attur li ma giet ipprezentata l-ebda ittra ufficjli jew protest qabel ma ressaq il-kawza de quo. L-attur pero' jsostni illi l-ittra ufficjali ma kienx mehtieg li tigi prezentata qabel giet intavolata l-kawza odjerna in kwantu kien gia'

prezenta mandat ta' inibizzjoni kif ukoll peress li l-kawza kellha tinstema bl-urgenza.

Ikkonsidrat;

Jirrizulta illi fis-6 ta’ Dicembru 2019 l-attur ipprezenta Mandat t’Inibizzjoni u fis-26 ta’ Dicembru 2019 intavola l-proceduri odjerni. Id-digriet minn din il-Qorti diversament preseduta dwar ir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni inghata fil-31 ta’ Dicembru 2019 fejn il-mandat gie michud. L-attur jinsisti li galadarba huwa intavola mandat ma kienx hemm il-htiega li jintavola ittra ufficjali qabel jintavola l-kawza odjerna.

L-attur jaghmel referenza ghas-sentenza **J.P. Cole vs. Malta Industrial Parks Ltd** (Cit Nru 547/2008 AE) deciza mill-Qorti Civili, Prim’Awla fit-28 ta’ Marzu 2012.fejn il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjoni:

> “Fil-fehma tal-qorti l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 ghandu jigi nterpretat fis-sens li wara r-rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni, m’hemmx ghalfejn li l-Gvern joqghod jerga’ jigi notifikat b’ittra ufficjali jew protest qabel tigi prezentata l-kawza ghall-jedd pretiz. L-ghan tal-Artikolu 460 hu li jaghti avviz lill-Gvern bil-pretenzjoni li tkun qeghda ssir, qabel persuna tipprocedi b’kawza jew titlob il-hrug ta’ mandati kawtelatorji. Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) [Imhallef Philip Sciberras] osservat: *“Issa wiehed logikament jifhem illi l-iskop li l-ligi tinsisti b’tant rigur ghan-notifika b’ittra ufficjali jew protest huwa dak li l-parti taghti lill-Gvern, korp jew il-persuna b’kariga pubblika avviz tal-intendiment taghha li behsiebha tazzjonah biex dan minn naha tieghu jkollu opportunita` fi zmien prefiss ta’ ghaxart ijiem joffri rimedju jew soluzzjoni ghal vertenza sorta bejniethom.”*.”

F'dik il-kawza pero' it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kienet intlaqet u allura l-Qorti iddeciediet illi una volta l-mandat intlaqa' ma kienx mehtieg li sussegwentement jigu prezentati ittra ufficjali jew protest gudizzjarju stante li akkolt il-mandat beda jiddekorri t-terminu tal-ghoxrin

gurnata mpost fl-Artikolu 843 (1) tal-Kapitolu 12 li hija sitwazzjoni li taghti lok ghall-ezenzjoni msemmija fil-proviso tat-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 460. Dan il-hsieb johrog aktar car fis-sentenza **Jac Steel Ltd vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** (Cit Nru 410/2015 JRM) deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-2 ta' Marzu 2016 fejn inghad li

> "il-Qorti hija tal-fehma li ladarba l-kawża kienet ir-riżultat dirett u meħtieġ tal-ilqugħ tal-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub minn Jac, ma jidhirx li kien meħtieġ li din terġa' tinterpella lill-Kummissarju mħarrek b'att ġudizzjarju qabel fetħet il-kawża. Ladarba l-Mandat ta' Inibizzjoni ntlaqa' hija l-liġi nnifisha li tiddetta ż-żmien li fih il-kawża jmissha tinbeda biex l-effetti tal-Mandat ma jintilfux [Art. 843(1) tal-Kap 12]. Għalhekk, jidher li bis-saħħa tal-ħruġ tal-Mandat, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460(1) ma jibqgħux jgħoddu għaliex f'każ bħal dan "għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor ... u l-imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom" [Art. 460(2) *proviso* tal-Kap 12];"

Fil-kaz odjern, ir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni gie michud. Din il-Qorti tosserva wkoll li l-attur ma stenniex li jinghata d-digriet fuq ir-rikors tieghu ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni izda ghazel li fil-mori ta' dawk il-proceduri jintavola l-kawza odjerna.

Hemm distinzjoni netta bejn il-fatti tas-sentenza li ghaliha saret referenza mill-attur ghall-fatti tal-kaz odjern. Filwaqt li l-Artikolu 843 fil-kaz odjern ma japplikax ghaliex ir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni gie michud, l-attur ma jistax juzufruwixxi mill-proviso tat-tieni sub-artikolu. Is-sottomissjoni tal-attur illi id-dispost tal-Artikolu 460 ma japplikax ghax gie ntavolat rikors ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni ma hux legalment fondat.

Maghdud ma' dan, l-Artikolu 460 jippreciza li l-att li ghandu jigi intavolat huwa jew protest gudizzjarju jew ittra ufficcjali, ghaldaqstant huwa

evidenti li rikors ghall-hrug ta' Mandat ta’ Inibizzjoni m’hijiex il-forma preskritta fl-imsemmi artikolu. Din l-osservazzjoni ssir ukoll fid-dawl ta’ dak li tghid il-ligi u cioe li f’dak l-att “il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b’mod ċar”. B’dan, il-Qorti tifhem li mhux kull att gudizzjarju jkun jghodd bhala ‘twissija’ lill-awtorità pubblika ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu, izda trid issir talba jew interpellazzjoni li tfisser sewwa x’inhu l-ilment li l-mittenti jistenna li l-awtorita’ intimata tindirizza.

L-atturi jissottomettu wkoll illi huwa ma pprezentax ittra ufficjali qabel intavola l-kawza odjerna ghaliex il-mertu huwa wiehed urgenti. Però l-Qorti tosserva li fil-proceduri odjerni il-kawza hadet il-kors normali taghha u l-attur qatt ma ressaq, la kontestwalment mal-prezentata tal-kawza u lanqas sussegwentment, xi talba sabiex il-kawza tinstema bl-urgenza. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi ma jirrizzultawx l-estremi ghall-applikazzjoni tal-Art 460 (2) (d).

Imiss issa li jigi trattat it-tielet raguni imressqa mill-attur sabiex jirribatti l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti cioe li l-artikolu 460 ma japplikax ghall-azzjonijiet imsejsa fuq l-Artikolu 469A stante li hija azzjoni li ghaliha tghodd l-ezenzjoni mahsuba fil-proviso tat-tieni sub-artikolu tal-imsemmi artikolu, ladarba hija waħda li l-ligi tapplika procedura partikolari u tigi mharsa minflokom. Il-konvenuti min-naha taghhom jirribattu tali sottomissjoni billi jirritjenu li “d-debita interpellazzjoni previst fl-artikolu 460 u l-obbligu illi l-parti tistenna ghaxart’ijiem (10) qabel ma tintavola l-kawza ma ixxejjen bl-ebda mod terminu ampju ta’ sitt (6) xhur li jipprevedi l-artikolu 469A tal-Kap 12. Li kieku wiehed japplika r-ragunament tal-attur, l-artikolu 460 jispicca fix-xejn ghaliex kull azzjoni hija marbuta b’terminu ta’ preskrizzjoni.”[21]

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Godfrey Ciangura vs. Ministeru tal-**

[21] Pagna 84 tal-process.

**Intern u Affarijiet Parlamentari et** (Cit Nru 155/2012 JRM) deciza fis-16 ta' Mejju 2019 fejn gie ritenut li

> "Il-fatt li l-artikolu 469A(3) jimponi żmien ta' dekadenza li fih trid titressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar azzjoni amministrattiva ma jfisser bl-ebda mod li b'daqshekk biss jitneħħa l-obbligu tal-parti attriċi li tinterpella lill-awtorità pubblika bil-mod maħsub fl-artikolu 460(1) qabel ma tiftaħ il-kawża."

Sentenza ohra li qieset li hemm il-hteiga li jigi segwiet l-Artikolu 460 f'azzjonijiet ta' stharrig gudizjzarju hija d-decizjoni fl-ismijiet **Fish and Fish Co Ltd vs. L-Onorevoli Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima et** (Rik Gur Nru 334/2016 MCH) deciza mill-Qorti Civili Prim Awla fid-29 ta' Marzu 2019 fejn gie ritenut li

> "l-azzjoni intentata taht l-artikolu 469A taqa' fil-parametri ta' azzjoni kif irid l-artikolu 460 billi mhix wahda mill-proceduri ezentati skond l-artikolu 460(2)"[22]

Din il-Qorti taqbel mal-gurisprudenza appena citata u ma tara l-ebda raguni valida ghaliex ghandha tiddipartixxi minnha. Ghaldaqstant tiddikjara u tiddeciedi li qabel tigi ntavolata azzjoni ghal stharrig guddizjarju taht l-Artikolu 469A jehtieg li qabel tigi pprezentata wahda mill-atti msemmija fl-Artikolu 460.

Galadarba ma tharsitx il-procedura imsemmija fl-Artikolu 460 (1) tal-Kapitolu 12, l-azzjoni tal-attur ma tiswiex u ghalhekk din il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

---

[22] Ara wkoll **George Azzopardi vs. Heritage Malta et** (App Nru 522/2005/1) deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-25 ta' Settembru 2012; S & D Yachts Ltd vs. Direttur ta' l-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta et (Cit Nru 210/2009 JRM) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fl-20 t'April 2010.

**b. Legittimu kontradittur**

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni dwar jekk il-konvenuti Prim Ministru u l-Avukat Generali humiex il-legittimi kontradittur, din il-Qorti tqis illi bl-akkoljment tal-ewwel eccezzjoni prelimianri li ser twaqqaf l-azzjoni attrici ma hux mehtieg li tigi wkoll deciza it-tieni eccezzjoni preliminari.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi kif gej:

1. Tichad l-eccezzjoni sollevata mill-attur li r-risposta guramentata tal-konvenuti hija nulla;

2. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, tiddikjara null ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fis-26 ta' Dicembru 2019 u konsegwentement tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**
26 ta' Novembru 2020

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**